MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2009

Numru. 945/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**
**VS**
**TARCISIO AGIUS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Tarcisio Agius, ta’ 51 sena, iben late Angelo u late Maria nee Baldacchino, imwieled Zejtun fl-14 ta’ Lulju 1952, residenti gewwa 54, Hal-Saflieni Street, Paola, jew Room 43, *Ommissis* Hotel, Sliema u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 534152(M).

Illi huwa akkuzat talli, f’dawn il-Gzejjer, partikolarment f’Tas-Sliema, fil-lejl ta’ bejn is-16 u 17 ta’ Novembru 2003, u matul ix-xhur precedenti, b’diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1) Xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta’ persuni ta’ nazzjonalita’ estera;
2) Zamm jew ezercita jew kellu sehem ma’ ohrajn fl-ezercizzju ta’ burdell jew ta’ dar, hanut jew local iehor jew ta’ xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra mmorali;
3) Talli bhala s-sid jew li ghandu taht idejh l-amministrazzjoni ta’ dar jew fond bl-isem *Ommissis* Hotel, Triq Guze Howard, Sliema xjentement ta b’kiri, jew ippermetta l-uzu ta’ dan il-post ghal skop ta’ prostituzzjoni;

Ghaldaqstant, filwaqt li nezebixxi l-Fedina Penali u estratt mill-Att tat-twelid tal-imsemmi Tarcisio Agius, nitlob li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali u dak ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u precizament mix-xhieda ta’ l-Ispettur Louise Calleja jirrizulta illi hija kienet tat struzzjonijiet lil membri tal-Vice Squad sabiex iqeghdu lil *Ommissis* Hotel, Howard Road Sliema taht oservbazzjoni billi kellha nformazzjoni illi l-Hotel kienet qed tinzamm bhala burdell. Illi ghaldaqstant fis-16 ta’ Novembru 2003, membri tal-Vice Squad kienu ghamlu *raid* u kienu sabu erba’ (4) tfajliet ta’ nazzjonalita’ barranija kif ukoll xi rgiel u gew arrestati wkoll zewg persuni illi kienu qed jiehdu hsieb tal-Hotel f’dak il-hin. L-imputat Tarcisio Agius kien wiehed minnhom. Matul l-investigazzjoni u t-tfittixjiet tal-membri tal-Vice Squad, il-Pulizija kienu sabu erba’ (4) tfajliet: Tatiana Montak mill-Ukraina, Lena Lamova mill-Ukraina, Tonika Vescova Ilieva mill-Bulgaria u Olexandra

Stepanenko mill-Ukraina li kollha gew mitkellma mill-Pulizija. Dawn kienu gew investigati minn Spettur Louise Calleja u ghall-ewwel kienu nnegaw illi kienu qed jaghmlu xoghol ta' prostituzzjoni. L-Ispettur Calleja xhedet illi hija kienet investigat xi rgiel maltin illi **instabu f'*Ommissis* Hotel waqt ir-*raid* u dawn qalulha illi kienu semghu minghand in-nies illi jekk imorru fil-Hotel isibu tfajliet li jaghtu servizz ta' prostituzzjoni**. **Dawn l-irgiel kienu Pierre Paul Portelli u Gorg Ciantar li nfurmaw lill-Ispettur li kienu hallsu hmistax-il lira (Lm 15) ghal servizz sesswali li jinghataw f'din il-Hotel.** Spettur Louise Calleja xhedet illi fl-17 ta' Novembru 2003, hija kienet ghamlet tfittxija ulterjuri fil-prezenza ta' l-imputat maghruf bhala Terry Agius u f'din it-tfittxija nstabu '*bleepers'* fir-*reception area* illi kienu jixghelu mir-*reception area* u kienu kkomunikati fi tlett (3) ikmamar tas-sodda tal-Hotel u cioe kmamar bin-numru '32', '33' u '34'. **Dawn kienu l-kmamar illi fihom nstaghbu t-tfajliet ta' nazzjonalita' barranija flimkien ma' l-irgiel fl-istess kmamar. Gie nutat illi l-bleeper fin-number '34' ma kinitx qed tahdem. L-Ispettur Louise Calleja xhedet illi meta kienet saret ir-*raid* kienet biss fil-kamra '34' il-Pulizija kienu sabu lil Olexandra Stepanenko u lil George Ciantar arwenin huta**. Spettur Louise Calleja xhedet illi l-imputat kien irrilaxxa stqarrija li ghazel li ma jiffirmax illi giet ezebita u mmarkata bhala Dok.LCZ. Spettur Louise Calleja kompliet tixhed (a fol.178) illi meta PC 960 Pierre Vassallo u PC 1229 Anton Cilia kienu marru bil-*Ommissis* Hotel biex iwettqu r-*raid*, kienu habbtu l-bieb, kien fethilhom Stephen Perrin, *security* mal-Hotel, u qalilhom, ***"Illejla ma ghandna xejn."***

Spettur Louise Calleja xhedet illi l-imputat, fl-istqarrija tieghu nnegga l-allegazzjonijiet illi l-Hotel kienet qed tintuza bhala burdell u li ien qed jaghmel qliegh mill-prostituzzjoni.

Olexandra Stepanenko (a fol.10 et seq.) xhedet illi hija kienet alloggjata bil-*Ommissis* Hotel u li kienet qed tippartecipa fil-prostituzzjoni ghal flus u li ghamlet dan xi erba' (4) darbiet u dana sabiex ikollha bizzejjed flus sabiex tixtri t-*ticket* ta' l-arju lura d-dar. Ikkonfermat illi hija

kienet titlob bejn hmistax (Lm15) u ghoxrin lira (Lm20) sabiex taghti lill-irgiel servizzi sesswali. Ikkonfermat li kienet thallas tmien (Lm8) liri ghal kamra *bed and breakfast.* Hija qalet illi ma kienet thallas lill-ebda persuna ohra u li hadd ma kien qed jisfurzaha biex tipprostitwixxi ruhha. Ikkonfermat illi l-imputat kien il-*Manager* tal-Hotel u fil-konfront tieghu tghid biss: "*I paid him for the hotel."* Ikkonfermat illi hija kienet giet intercettatha mill-Pulizija waqt li George Ciantar kien qieghed maghha fil-kamra. Ikkonfermat illi kienet iltaqghet ma' dan George fil-*bar* ta' l-istess Hotel u li George kien hallasha tmien liri (Lm8) ghas-servizzi sesswali ghaliex ma kellux aktar flus. Hija qalet illi ma kienx hemm *alarm* fil-kamra li kienet tokkupa fil-*Ommissis* Hotel.

Tonika Veskova Ilieva kkonfermat illi kien il-*boyfriend* taghha mil-Lebanon illi kien wassalha l-*Ommissis* Hotel wara li ggieldet mieghu. A fol.17, ikkonfermat illi kienet taghti servizzi sesswali lill-irgiel fil-kamra li hija kienet tokkupa fil-*Ommissis* Hotel, cioe numru '302' u li gieli ltaqghet mal-klijenti fil-*bar* ta' l-istess Hotel u kienet titlob bejn hamsa (Lm5) u ghaxar liri (Lm10) ghal dawn is-servizzi. Tonika Veskova Ilieva xhedet illi hija kienet thallas hmistax-il lira (Lm15) kuljum ghal kamra taghha u li kienet tghaddi dawn il-flus lis-*security* tal-Hotel.

Spettur Louise Calleja (a fol.23) ikkonfermat illi Tonika Veskova Ilieva kienet ammettiet quddiem il-Qorti ghall-akkuzi ta' prostituzzjoni u l-kaz taghha kien deciz fit-18 ta' Novembru 2003.

Fit-tieni xhieda taghha, Tonika Veskova Ilieva kkonfermat illi qatt ma tat flus, rikavat mill-prostituzzjoni lil haddiehor u kkonfermat illi qatt ma tat flus lill-imputat. Ikkonfermat illi l-irgiel li maghhom kienet tmur kienet issibhom wahedha f'xi *bar* jew *disco* nkluz fil-*bar* tal-*Ommissis* Hotel.

Fit-tielet xhieda taghha (a fol.46), Tonika Vesova Ilieva kkonfermat illi fl-ewwel xhieda quddiem din il-Qorti, ma kinitx qalet il-verita' ghax bdiet tibza' u ammettiet illi hija kienet qed tagixxi bhala prostituta' fil-*Ommissis* Hotel. Tonika Vescova Ilieva kkonfermat li hija hallset lil

*reception* il-mizata ghal kamra taghha u li qatt ma tat flus lill-imputat hlief meta hadet id-*drinks* mill-*bar* u hallsitu taghhom.

Tatiana Montak (a fol.50) ikkonfermat illi meta waslet Malta fit-3 ta' Ottubru 2003 kienet qabdet *taxi* u marret f'*Ommissis* Hotel ghax ghogbitha, ammettiet (a fol.51) illi kienet qed taghti servizzi sesswali lill-irgiel ghal flus, li hadd ma sfurzaha biex taghmel dan u li hija kienet qed thallas tnax-il lira kuljum ghal kmamar taghha ghal *bed and breakfast and dinner* u li kienet thallas daqqa lill-imputat Tarcisio Agius u daqqa lil Tony ghal kamra taghha. Ikkonfermat illi l-imputat maghruf bhala Terry kien il-*Manager* u li l-*boss* tal-Hotel kien certu Tony.

Spettur Louise Calleja (a fol.55) ezebit stqarrija Dok.LC1 u *sim card* Dok.LC2 ta' Tatiana Montak.

A fol.61, Tatiana Montak ikkonfermat illi bejn il-lejl tas-16 u tas-17 November 2003, kienet irceviet messagg:

*"Watch out Police."*

U dan il-messagg kien intbat minn habib taghha jismu Joseph. A fol.65, Tatiana Montak iddecidiet illi tghid il-verita' wara hafna riluttanza xhedet illi **minn meta wasslet Malta kienet diga' prenotata fil-*Ommissis* Hotel u li bdiet tahdem bhala prostituta' mill-istess Hotel**. Illi kienet taghti servizz sesswali lill-irgiel xi sitt (6) darbiet u kienet tiehu bejn sitta u sbatax-il lira (Lm6 - Lm17) ghal dan is-servizz.

Lena Namova (a fol.74) xhedet illi wasslet Malta fl-4 ta' Ottubru 2003 u sabet allogg f'*Ommissis* Hotel tas-Sliema u li kienet thallas tmien liri (Lm8) kuljum ghal *bed and breakfast.* Xhedet illi l-kamra taghha kienet numru '33'. Ikkonfermat illi l-imputat kien il-*Manager* tal-*Ommissis* Hotel u kkonfermat illi kienet qed taghti servizzi sesswali fil-kamra taghha f'*Ommissis* Hotel fejn rat xi hamest (5) irgiel u ccargjat bejn ghaxra u ghoxrin lira (Lm10 - Lm20)-il wiehed. Xhedet illi:

*“Witness: I didn’t know that this Hotel had this bad reputation.*

*Pros: What reputation?*

*Witness: Because I was told that even a child knows about this Hotel.”* (Vide fol.77)

Xhedet illi hadd mill-*Hotel Management* ma kien jintroduciha ma’ irgiel bi skop specifiku ghal prostituzzjoni. Xhedet illi l-persuna maskili illi kien instab fil-kamra okkupata minnha f’*Ommissis* Hotel ghall-ewwel deher illi kien ragel ta’ l-affari tieghu u li mbaghad assaltaha sesswalment u li hi talbitu biex jitlaq.

Spettur Louise Calleja pproduciet l-istqarrija ta’ Lena Namova Dok.LC4 (a fol.81 et seq.)

A fol.84, Lena Namova kkonfermat l-istqarrija taghha Dok.LC4 u li l-*mobile* taghha kien 99211299.

Gie ezebit ukoll il-*mobile phone* ta’ Olexandra Stepanenko u l-istqarrija taghha Dok.LC5 (fol.87 et seq.)

Fix-xhieda ulterjuri, Olexandra Stepanenko giet mistoqsija kif wara illi kkonfermat li giet Malta b’$1,400 (ekwivalenti ghal Lm560) u hallset tmien liri (Lm8) kuljum ghal kamra taghha ghal xaharejn, (ammontanti ghal Lm480), kif kien fadlilha Lm184, Olexandra Stepanenko kienet wiegbet illi kienet bieghhet curkett tad-diamanti. **Stepanenko xhedet illi ma kinitx qalet il-verita’ meta ghamlet tali stqarrija u fil-fatt kienet bieghhet munita tad-deheb Ingliza antika ghall-elf euro (€1000)**. Ikkonfermat illi kienet tat servizz sesswali lill-irgiel biss ghall-ahhar ghaxart (10) ijiem li kienet Malta u li kienet iltaqghet ma’ dawn l-irgiel f’diversi partijiet ta’ Malta u li hadd mill-Hotel ma kien introduciha ma’ irgiel ghal skopijiet ta’ prostituzzjoni.

Spettur Louise Calleja ezebita *mobile phone* Dok.LC7 ta’ Tatiana Montak.

Fix-xhieda ulterjuri taghha, Tatiana Montak ikkonfermat illi Dok.LC2 kien il-*mobile* taghha u kkonfermat il-korrezzjonijiet illi hija riedet taghmel fix-xhieda taghha izda baqghet tishaq illi qatt ma hallset flus rekavati mill-prostituzzjoni lill-imputat.

L-Espert Martin Bajada (a fol.97) ezebixxa r-relazzjoni tieghu Dok.MB li fih tnizzlu l-messaggi kontenuti.

George Ciantar (a fol.135) ikkonferma illi fil-lejl tas-16 u 17 ta' Novembru 2003 kien mar f'lukanda tas-Sliema, dahal fil-*bar* u ha *drink,* iltaqa' ma' tfajla u nghata servizz sesswali ghal prezz ta' hmistax-il lira u mbaghad xi hadd habbat il-bieb tal-kamra tas-sodda u sab lil Pulizija. Ikkonferma illi kien jaf lill-imputat ghax kellu hanut Hal Qormi fil-passat u li dakinhar kien iltaqa' mieghu mal-*bar* tal-Hotel. **A fol.138 xhed illi l-bieb tal-lukanda kien maghluq u fetahlu r-*receptionist* u mar fil-*bar***. George Ciantar xhed illi hemmhekk fil-*bar* kien sab tfajla wahda biss. **A fol.139, George Ciantar xhed illi kien sema' minghand in-nies illi minn go din il-Hotel kien hemm tfajliet Russi li maghhom wiehed jista' jkollu relazzjonijiet sesswali bi hlas u li huwa mar f'din il-Hotel ghal dan l-iskop**. George Ciantar gie ntercettat mill-Pulizija fil-*Ommissis* Hotel tas-Sliema fil-lejl indikat fl-akkuza.

Pierre Paul Portelli (a fol.141) ikkonferma illi huwa kien mar fil-lejl **indikat fil-*Ommissis* Hotel u sab il-bieb maghluq u fetahlu xi hadd u mar fil-*bar*. Huwa xhed illi kien sema' minghand in-nies illi wiehed seta' jmur f'din il-Hotel ghal sess ma' nisa Russi. Kien sema' wkoll illi *the going rate* kien hmistax-il lira (Lm15). Pierre Paul Portelli xhed ukoll illi kien sema' illi 'jekk trid ikollok x'taqsam ma' tfajla Russa kellek ssaqsi ghal Terry.'** Xhed illi dak il-lejl kien telgha ma' tfajla fil-kamra taghha, kienu lahqu nezaw hwejjighom, kienet qaltlu illi kienet qed tipprostitwixxi ruhha minhabba li ma kelliex flus u kien f'dak il-hin illi ntercettawhom il-Pulizija.

Joseph Saliba (a fol.145) xhed illi fil-lejl tas-16 u 17 ta' Novembru 2003, kien mar il-*Ommissis* Hotel ghal habta

ta' xi d-disgha u nofs ta' fil-ghaxija (9:30p.m.) u ha *drink* mal-*bar*, beda jitkellem ma' tfajla u li din it-tfajla kienet hajritu jitla' maghha fil-kamra taghha. Kif kienu qeghdin jithadtu fuq dawn l-affarijiet kienu ghadhom fejn il-bieb tal-kamra u lahquhom il-Pulizija. Saliba xhed illi huwa kien tela' fil-kamra ma' din it-tfajla sabiex ikollu x'jaqsam sesswalment pero' ma kienux ghadhom ftehemu fuq il-prezz. **Joseph Saliba xhed illi minghand hbieb tieghu kien sema' li s-servizz sesswali kienu jiswew bejn ghaxar u hmistax-il Lira (Lm10 - Lm15).**

Spettur Louise Calleja ezebit Kunsens ta' l-Avukat Generali.

WPC 64 Connie Cauchi kkonfermat illi hija flimkien ma' WPC 72 u WPS 24 kienu qed jaghmlu xoghol ta' osservazzjoni u gew imsejjha biex jaghtu assistenza ghal *raid* li kien ser isir fuq il-*Ommissis* Hotel u li huma accedew u sabu lill-imputat Tarcisio Agius fir-*reception*.

WPC 64 xhedet illi waqt it-tfittxija fil-kmamar tas-sodda illi kienu qed iwettqu l-Pulizija, **dan Terry beda jghid il-kliem '*Police Police,'*** u f'wahda mill-kmamar il-Pulizija sabu mara u ragel arwenin. Apparti n-nisa l-ohra u tlett irgiel Maltin li kollha gew mehuda d-Depo tal-Pulizija.

PC 960 Pierre Vassallo kkonferma r-*raid* illi kienu ghamlu f'*Ommissis* Hotel flimkien ma' diversi membri tal-Pulizija u li meta huma habbtu l-bieb tal-*Ommissis* Hotel min fetah qalilhom il-kliem:

***"Ma ghandniex illejla."***

PC 960 Pierre Vassallo kkonferma illi meta staqsa x'ma kellhomx**, il-persuna dehret illi tfixxklet.** PC 960 Pierre Vassallo kkonferma t-tfittxijiet illi wettqu u li **t-*television* kien qed juri *film* pornografiku** u li kif gew il-Pulizija qallbu c-*channel*. Ikkonferma illi l-imputat Tarcisio Agius kien prezenti fit-tfittxija tal-kmamar tal-Hotel u li fil-kmamar '32', '33' u '34' sabu tfajliet Russi u rgiel Maltin, fosthom Pierre Paul Portelli illi ammettew illi kienu hemmhekk sabiex jiehdu servizzi sesswali ghal prezz ta' xi hmistax-il

Lira (Lm15). Gie misjub ukoll George Ciantar f'kamra ma' tfajla apparti l-fatt illi kien hemm *bleepers* f'dawn il-kmamar illi kienu jigu attivati mir-*reception*. PC 960 Pierre Vassallo kkonferma wkoll illi f'*room* '34' sabu koppja illi kienu arwenin.

PC 1229 Anton Cini (a fol.162) ikkonferma x-xhieda ta' PC 960 Pierre Vassallo.

PC 1261 ezebixxa *set* ta' ritratti Dok.P1-15 tal-kmamar tas-sodda tal-*Ommissis* Hotel u s-*switch* u l-*bleepers* attivati mir-*reception desk* tal-kmamar.

PC 225 Joe Filletti kkonferma x-xhieda ta' l-Ufficjali tal-Pulizija illi hadu sehem fir-*raid* tal-*Ommissis* Hotel u li kien ha sehem fit-tfittixija fil-kamra '32' fejn kien sab lil Pierre Paul Portelli li kien ikkonfermalu li kien qieghed fil-Hotel sabiex jiehu servizzi sesswali bi prezz ta' hmistax-il Lira (Lm15) ghaliex sema' minghand in-nies.

WPS 24 Josephine Gauci kkonfermat is-sehem taghha fir-*raid* fil-Hotel u l-parti taghha kien li ma thalli lil hadd jidhol jew johrog mill-*Ommissis* Hotel.

Stephen Perrin, ikkonferma illi hu kien jahdem fil-*Ommissis* Hotel ghal ftit gimghat qabel ir-*raid* illi kien twettaq mill-Pulizija, illi kien xoghol fid-disgha ta' filghaxija (9:00p.m.) bhala *security u receptionist* u **kkonferma illi l-bieb tal-Hotel kien maghluq u li fetah biss il-ghaliex il-Pulizija ddentifikat ruhha. Ikkonferma li qal il-kliem, "Ma hawn xejn," izda qal hekk ghax kien inhasad**. Stephen Perrin xhed illi dak il-hin **kien prezenti l-imputat bhala *Manager*** u xi zghazagh. Stephen Perrin xhed illi huwa kien sakkar il-bieb tal-Hotel bhala *safety measure*. Ikkonferma illi kien hemm diversi nies alloggjati fil-Hotel kemm ta' sess maskili kif ukoll ta' sess femminili u nnega illi kien jaf b'xi sistema ta' *alarms* mir-*reception desk* ghal kmamar ta' fuq.

L-imputat Tarcisio Agius xhed illi kien jahdem fil-*Ommissis* Hotel u kien jaghmel *odd jobs*, kien jahdem bhala *barman, receptionnist* u *cleaner*. Xhed illi huwa kien jahdem ma'

Tony Aquilina u kellu paga ta' hamsin lira (Lm50) fil-gimgha u li kien ilu jahdem hemmhekk xi sentejn. Xhed illi huwa ma kienx jaf x'kien qed jigri minn nies li kienu alloggjati fil-kmamar tal-Hotel. Moqriha l-istqarrija tieghu, l-imputat xhed illi huwa kienx stqarr illi jimmaniggja l-Hotel. Hu kien qal biss illi kien ikun hemm fil-Hotel. L-imputat jinnega illi huwa kien jircievi l-flus ghas-servizzi sesswali u li kien Tony Aquilina li kien jircievi l-flus tal-mizati tal-kmamar. Mitlub jghid kif bhala l-uniku persuna illi kien responsabbli tal-Hotel, kien jippermetti li t-tfajliet itellghu l-irgiel fil-kmamar taghhom, l-imputat xhed illi dak il-hin illi telghu l-Pulizija hu kien fuq qed jiehu *shower*. Innega illi kien jaf bis-sistema tal-*bleeper* mar-*reception* illi kienu konnessi ma' bozoz fil-kmamar u li ghalih dawn kienu *smoke detectors* / *alarms*. L-imputat sahaq illi ma kienx jaf x'kien qed jigri fil-kmamar. Jinnega illi huwa kien assenja xi kmamar tal-hames (5) tfajliet illi kienu fil-kmamar taghhom il-ghaliex dan kien xoghol ta' *receptionist* u nnegga illi huwa bbukkja xi nies fil-lukandi il-ghaliex dan kien xoghol tas-sid tal-Hotel. Innega illi dak il-hin li gew il-Pulizija kien hemm *film* pornografiku izda xhed illi kien hemm dokumentarju dwar kif jahdmu l-*films*. L-imputat innega wkoll illi xi hadd saqsieh ghal servizzi sesswali

Ikkonsidrat:

Illi l-imputat jinsab mixli bl-ghixin minn qliegh ta' prostituzzjoni ta' persuni ohra ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.63 illi tipprovdi:

*"Any person who knowingly lives, wholly or in part, on the earnings of the prostitution of any person, shall be liable, on conviction, to imprisonment for a term not exceeding two years:*

*Provided that where that other person has not attained the age of eighteen years, the offence shall be punishable with imprisonment for a term from eighteen months to four years."*

Illi mill-provi migjuba quddiem din il-Qorti ebda xhud prodott mill-prosekuzzjoni ma stqarr illi l-imputat kien jircievi flus minghand klijenti rgiel ghas-servizzi sesswali illi kienu qeghdin jinghataw mit-tfajliet kollha li xhedu f'dawn il-proceduri. Dawn it-tfajliet ghalkemm xhedu illi gieli taw flus lill-imputat baqghu jisthqu illi l-imputat kien jircievi minghandhom biss hlas tal-mizati tal-kmamar u xejn aktar. Illi l-irgiel li gew maqbuda in fragrante fil-lejl 16th/17th November 2003 f'ebda hin ma sostnew illi hallsu lill-imputat ghas-servizzi sesswali mat-tfajliet mill-Ukraina u l-Bulgarija.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ghal rigward ta' l-ewwel akkuza.

L-istess pero' ma jistax jinghad ghal dak li tirrigwarda t-tieni akkuza u cioe dik mahsuba taht l-Artikolu 8 tal-Kap.63 u cioe:

*"Whoever shall keep or manage or share with others in the management of a brothel or of any house, shop or other premises or any part thereof which is or are, or is or are reputed to be resorted to for the purpose of prostitution or other immoral purposes shall be liable, on conviction, to imprisonment for a term not exceeding two years and to a fine (multa) not exceeding two hundred liri."*

Illi mix-xhieda kollha prodotta jirrizulta b'mod ampju illi t-tfajliet Ukraini u Bulgari illi xhedu quddiem din il-Qorti lkoll kienu jokkupaw kamra fil-*Ommissis* Hotel u kollha ammettew illi kienu offrew servizzi sesswali lill-irgiel ghal hlas f'dawn il-kmamar u kollha sostnew illi l-imputat kien *Manager* tal-*Ommissis* Hotel.

Illi minkejja dak illi l-imputat ipprova jghid fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti huwa evidenti li l-imputat kien qieghed imexxi l-*Ommissis* Hotel. In fatti, wara diversi domandi l-imputat jispicca jghid illi huwa kien jaghmel kull tip ta' xoghol (*barman, cleaner, receptionist*) kwazi kwazi *a one man show*. Huwa precizament f'tali cirkostanzi illi l-Qorti tifhem illi l-imputat kien jaf ben tajjeb dak kollu li qed

isir u li in fatti kien sar notorju bhala persuna illi tissuplixxi d-domanda ghas-servizzi sesswali ma' prostituti Russi tant li anke l-prezzijiet kienu ben maghrufa. Dana xheduh it-tlett irgiel Ciantar, Portelli u Saliba illi gew maqbudha fir-*raid* fuq din il-Hotel fil-lejl indikat fl-akkuza. Lanqas huwa kredibbli l-fatt li l-imputat li fi kliemu kien responsabbli ghal kwalunkwe tip ta' xoghol fil-Hotel anke dak ta' *cleaner* li ma kienx jaf bis-sistema ta' l-*alarms* mir-*reception* ghal dawn il-kmamar tas-sodda.

Fatt relevantissimu f'dan l-isfond huwa l-fatt illi l-bieb principali tal-*Ommissis* Hotel kien jinzamm maghluq (ara xhieda ta' George Ciantar - fol.138, Pierre Paul Portelli u ta' PC 960 Pierre Vassallo, Stephen Perrin), fatt stramb ghall-ahhar meta wiehed iqis illi bieb principali ta' Hotel jibqa' miftuh lejl u nhar. Huwa relevanti wkoll il-kliem ta' Perrin: *"Ma ghandniex illejla,"* wara li l-Pulizija habbtu l-bieb u l-konfuzjoni ta' Perrin meta l-Pulizija tallbuh jispjega ruhu.

Fil-verita' t-tfajliet Olexandra Stepanenko, Tatiana Montak, Lena Namova u Tonika Vescova Ilieva kollha ammettew illi kienu qed jipprostitwixxu ruhhom fil-Hotel b'certu ammont ta' irgiel b'mod regolari u in fatti gew processati quddiem il-Qrati Maltin, ammettew u gew sentenzjati fuq akkuzi ta' prostituzzjoni. Tali evidenza flimkien max-xhieda ta' Ciantar, Saliba u Portelli illi wkoll inqabbdu u ammettew l-involviment taghhom fix-xenarju ta' Prostituzzjoni juri bic-car illi dan ix-xoghol ta' prostituzzjoni **ma kienx qed isir okkazzjonalment** b'mod li l-Qorti tista' tigi perswaza illi hemm xi dubju ragonevoli dwar l-gharfien ta' l-imputat fuq dak li kien qed jigri. Il-provi juru ezattament l-oppost. Fil-verita', s-*set up* ta' dan il-*Ommissis* Hotel, bl-gheluq tal-bibien principali, *alarm system* mir-*reception* ghal kmamar '32' sa '34' fejn gew alloggati t-tfajliet mill-Ukraina (ara ritratti P1-15) flimkien max-xhieda fuq indikata juru b'mod inekwivoku illi l-*Ommissis* Hotel kien qed jinzamm bhala burdell u li kien hemm sistemi u modus operandi organizzati ghal dan il-ghan.

F’dawl ta’ dana kollu u fi kliem l-imputat li jammetti li anke hadem ta’ *cleaner*, ebda Qorti ma tista’ tiehu bis-serjeta dikjarazzjoni ta’ l-imputat li ma kienx jaf b’*alarm system* u b’dak li kien qed jigri taht ghajnejh.

Hija l-opinjoni ta’ din il-Qorti, fuq il-fatti fuq provati illi l-imputat kien sar maghruf ma’ l-isola illi kien qed izomm burdell fil-*Ommissis* Hotel tant li fi kliem ta’ wahda mit-tfajliet, “*Even a child knows about this hotel”* u l-imputat kien sar notorju ghal dan l-istat ta’ fatt bid-dettalji precizi dwar it-tip ta’ tfajliet offruti u l-mizati mitluba u dana ma’ Malta kollha.

Il-Qorti taghraf li l-imputat gie wkoll mixli b’akkuza mahsuba taht l-Artikolu 10 tal-Kap.63 tal-Ligijiet ta’ Malta li hija akkuza meqjusa anqas serja mit-tieni (2) akkuza. Illi in vista ta’ sejbien tal-htija tat-tieni (2) akkuza ebda Qorti ma tista’ ssib htija wkoll fuq it-tielet (3) akkuza li hija alternattiva.

Illi ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati ta’ l-ewwel (1) akkuza u t-tielet (3) akkuza illi minnhom tilliberah u hati tat-tieni (2) akkuza u wara li rat Artikolu 8 tal-Kap.63 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija u multa ta’ €450.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------